**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2016

Rikors Nru : 436/15 AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hdax (11) ta' Novembru 1992 (ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom erba' itfal;

2. Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba (4) snin tant li ilhom ma jghixu fl-istess dar matrimonjali ghall-istess zmien u legalment separati b'kuntratt redatt min-nutar Dottor Annmarie Tonna tat-tletin (30) ta' Settembru elfejn u hmistax (2015) (ara Dok. B anness);

3. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin aktar minn (4) snin u llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin u sahansitra ffurmaw relazzjoni ma nies ohra;

4. Illi m'hemm ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tippronunzja d-divorzju bejnet il-partijiet;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti ;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru, 2015 ;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Settembru, 2015 izda ilhom ghal aktar minn erba` snin de facto separati minn ma' xulxin ;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.